

32002R1947

1.11.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 299/17

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1947/2002**tal-31 ta' Ottubru 2002**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3223/94 dwar ir-regoli detalljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti għall-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħxejjex ('), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 545/2002 ('), u partikolarment l-Artikolu 32(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-awtoritajiet Belġjani u Taljani infurmaw lill-Kummissjoni li Antwerp u Bolonja m'humiex aktar swieq ta' importazzjoni rappreżentativi għall-frott u l-ħxejjex. Għalhekk għandhom jiġu rtirati mill-lista fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ('), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KE) Nru 453/2002 (').
- (2) Il-miżuri provvuti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Amministrazzjoni għall-Frott u l-Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huwa emendat kif ġej:

1. L-ewwel inċiż huwa sostitwit permezz ta':
“— Ir-renju tal-Belġju u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu: Brussel,”
2. It-tmien inċiż huwa sostitwit permezz ta':
“— Ir-Repubblika Taljana: Milan,”

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Ottubru 2002.

*F'isem il-Kummissjoni**Franz FISCHLER**Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.

(²) ĠU L 84, tat-28.3.2002, p. 1.

(³) ĠU L 337, ta' l-24.12.1994, p. 66.

(⁴) ĠU L 72, ta' l-14.3.2002, p. 9.